# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2018**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Guramentat Numru : 158/2017/LSO**

**Avukat Dr David Mallia (K.I. 416480M) bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti minn Malta Victoria Avanthay (K.I. 0274986M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dr David Mallia (K.I. 416480M) bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti minn Malta Victoria Avanthay (K.I. 0274986M), datat 17 ta’ Frar 2017 fejn espona: -

Illi Victoria Avanthay zzewget lil Lionel Claude Avanthay, fis-17 ta' Lulju 2011, bhal ma jirrizulta mill-anness Att taz-Zwieg referenza 339/2007 (Dok A);

Illi r-rikorrenta ottjeniet divorzju barra minn Malta fl-Isvizzera u anke irrivertiet ghal kunjom xbubitha, fis-26 t'Awwissu 2015, kif jirrizulta mill-anness Dok 'B';

Illi l-awtoritajiet Maltin irrikonoxxew dan id-divorzju;

Illi skont il-Kodici Civili (Kap 16, Ligijiet ta' Malta), artiklu 66L(4)(b) il-mara ghandha l-fakulta' li, permezz tad-divorzju, terga' lura ghal kunjom xbubitha;

Illi peress li d-divorzju sar barra minn Malta, il-Qorti estera ma kellhiex gurisdizzjoni biex tordna lid-Direttur konvenut f’din il-kawza, jippermetti lil Victoria Avanthay sabiex terga' lura ghal kunjom xbubitha;

Illi peress li d-divorzju taghha gie rikonoxxut hawn Malta, Victoria Avanthay tixtieq li dan id-divorzju jkollu l-istess effetti fil-ligi daqs li kieku sar hawn Malta, u hi terga' lura

ghal kunjom xbubitha, bhal ma tippermetti l-Kodici Civili ta' Malta, daqs li kieku d-divorzju sar hawn Malta;

Illi Victoria Avanthay giet infurmata mir-Registru Pubbliku ta' Malta, ma kienx possibbli ghalih illi jaghmel xi tibdil f' kunjomha u cjoe` li tirriverti ghal kunjom xbubitha; minghajr decizjoni minn Qorti kompetenti.

Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrenta, titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Takkolja ghat-talba ta' Victoria Avanthay u tawtorizza lir-rikorrenta terga' lura ghal kunjom xbubitha;

2. Tiddikjara ai finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrenta ghandu jkun 'Camilleri Haber' u mhux aktar 'Avanthay';

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu dawk il-passi kollha necessarji, sabiex Victoria Avanthay tkun ufficjalment maghrufa u rrikonoxxuta b'kunjom xbubitha;

4. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat taz-zwieg numru 1030/2011 u cioe` li fl-addenda ssir annotazzjoni fejn ikun indikat li din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lir-rikorrenta terga' lura ghal kunjom xbubitha u

cioe` li minn Avanthay kunjomha jinbidel ghal Camilieri Haber.

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 12 ta' Settembru 2017 (fol 23) fejn l-Avukat Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat:-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u dan abbazi tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponenti tissottometti illi l-attrici ma ddikjaratx taht liema artikolu tal-ligi qed isejjes din il-kawza istanti. Ghaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi jkun ta' beneficcju jekk l-attrici tiddikjara taht liema dispozizzjoni tal-ligi qed tibbaza l-proceduri istanti, salv pero' illi l-esponenti tirriserva d-dritt taghha illi jekk ikun il-kaz tkun f' pozizzjoni li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponenti umilment tirrileva li mill-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 339 tas-sena 2007, b'mod specifiku mill-addenda tal-istess Att, liema Att jinsab anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala 'Dok A', jidher illi l-annotazzjoni li tnizzlet mill-konvenut saret abbazi ta' sentenza ta' divorzju mahruga minn The Sarine TRSA Municipal Tribunal gewwa l-Isvizzera. Izda l-konvenut ma setax inizzel li l-attrici rrivertiet ghal kunjom xbubitha minghajr awtorizzazzjoni;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tiddikjara li ma ssibx oggezzjoni ghat-talbiet attrici. Ghaldaqstant f' tali cirkostanza ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 14 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Franco Galea

ghall-atturi u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Galea ddikjara li m'ghandux provi ulterjuri. Dr Ellul rrimettiet ruhha, salv ghall-kap tal-ispejjez, u ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. Dr Galea kellu fi zmien gimgha jipproduci d-dokumenti originali *animo ritirandi*, bil-visto/notifika ta’ Dr Stephanie Ellul. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett’ ostaskolu ghat-30 ta' Jannar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta’ Malta saret debitament fl-24 ta’ Awwissu 2017 (fol 22). B’hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent nomine qed jitlob ghan-nom ta’ Victoria Avanthay li hija terga’ lura ghal kunjom xbubitha *stante* li hija ottjeniet divorzju f’pajjiz esteru, ossija fl-Isvizzera, Dok B (fol 6-8). Kwindi, hija rrevertiet ghal kunjom xbubitha, Camilleri Haber kif jidher minn Dok C (fol 9). Jirrizulta li dan id-divorzju gie rikonoxxut mill-Awtoritajiet Maltin, hekk kif jidher mill-annotazzjoni ghall-istess Att taz-Zwieg Dok A

(fol 16). In sostenn ghall-kaz taghha, gie esebit ukoll l-att tat-twelid taghha a fol 12, fejn jirrizulta li kunjom xbubitha huwa Camilleri Haber.

Ikkunsidrat li *ai termini* tal-artikolu 66L (4)(B) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-mara tista' terga’ lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju. Fil-kaz in ezami, Victoria Avanthay hadet kunjom ir-ragel malli zzewget, izda ladarba z-zwieg m’ghadux fis-sehh, hi ghandha l-fakolta’ terga’ lura ghal kunjom xbubitha. Illi t-talba odjerna mhijiex talba ghall-korrezzjoni ta’ zball, izda hija talba sabiex dak li hu rikonoxxut u permess mil-Ligi stess jinghata rikonoxximent formali f’kaz ta’ mara mizzewga li ottjeniet id-divorzju minn gurisdizzjoni estera.[1]

Ikkunsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Referibbilment ghall-kap tal-ispejjez ma jidhirx li sar zball da parti tal-intimat. Rigward, ir-raba’ eccezzjoni tal-intimat, taqbel, li l-annotazzjoni li tnizzlet kienet abbazi ta’ sentenza ta’ divorzju mahrug mit-Tribunal *de l-arrondissement de la Sarine* fl-Isvizzera. Izda, fin-nuqqas ta’ awtorizazzjoni biex terga’ tirreverti lura ghal kunjom xbubitha, ma setax jitnizzel mod iehor. Ghalhekk, id-Direttur intimat m’ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta’ din il-kawza.

---

[1] Ara ad ez Joanne Monsigneur vs Direttur Registru Pubbliku deciza minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta fid-29 ta' Ottubru 2015 fejn il-Qorti laqghet talba simili.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent *nomine* kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tawtorizza lil Victoria Avanthay terga' lura ghal kunjom xbubitha. 'Camilleri Haber'.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li ai finijiet u effetti kollha tal-ligi, kunjom ir-rikorrenti ghandu jkun "Camilleri Haber" u mhux aktar "Avanthay".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu dawk il-passi kollha necessarji sabiex Victoria Avanthay tkun maghrufa u rikonoxxuta b'kunjom xbubitha "Camilleri Haber" minflok "Avanthay".

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li ssir il-korrezzjoni mehtiega fl-Att taz-Zwieg Numru 1030/2011 u cioe`, li fl-addenda ssir annotazzjoni fejn ikun indikat li din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lir-rikorrenti terga' lura ghal kunjom xbubitha u cioe` li l-kunjom "Avanthay" jigi sostitwit bil-kunjom "Camilleri Haber".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent nomine.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Jannar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2018**